**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA**

**MAGISTRAT DR GRAZIO MERCIECA**

**Automated Revenue Management Services Ltd**
**Vs**
**Yvonne Preca**

**Kawza 98/2017 GM**

Artikolu 466 tal-Kap 12 – ma jkoprix kull tip ta' kreditu – jissorvola l-kompetenza tal-arbitragg mandatorju – preskrizzjoni – interruzzjoni ta' meta mhux maghruf min hallas

Illum 10 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ipprezentat nhar it-28 ta' Marzu, 2017 li bih ir-rikorrent esponiet illi permezz ta' Ittra Ufficjali intavolata fil-15 ta' Marzu 2017 mis-socjeta' intimata, r-rikorrenti giet interpellata a bazi ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex thallas is-somma ta' elf u hames mija u tmienja u hamsin Ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€1,558.29c) u imghaxijiet allegatament dovuti lill-istess socjeta' intimata;

Illi ghalhekk ab bazi tal-istess Artikolu 466 tal-Kap. 12 ir-rikorrenti qed tintavola r-rikors premess bhala kontestazzjoni tal-istess ittra ufficjali;

Illi s-socjeta' intimata qed tallega fl-ittra ufficjali taghha illi l-ammont €1,558.29 u l-imghaxijiet huma bilanc totali ta' konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi u connection u disconnection fees;

Illi din il-pretensjonijiet tas-socjeta' intimate hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet hawn premessi;

1. Illi preliminarjament il-pretensjoni ghall-hlas dedotta mis-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan stante illi fis-sena 2004 il-fond in kwistjoni u cioe' 227, Tower Road, Sliema kiem mibjugh u zviluppat minn terzi u s-servizz ta' dawl u ilma kien inqatgha meta sar l-izvilupp (ara 'Dok P1' hawn anness);

2. Illi preliminarjament ukoll l-ittra ufficjali imsemmija hija regolari, nulla u minghajr effett u dan stante illi ma turi l-ebda prospett jew prova cara rigward l-ammont in kwistjoni. Hemm konflitt manifest stante li precedentement l-intimata allegat ammont dovut ta' elf u hames mij a (€1,500) bhala danni ai termini tal-Artikolu 39 skont ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma (Legislazzjoni Sussidjarja 545.03)[1] u mhux kif qed tallega permezz tal-ittra ufficjali rigward konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi u connection u disconnection fees;

3. Illi minghajr pregudizzju l-istess ittra ufficjali hija wkoll nulla u minghajr effett stante li hemm gurament falz u erroneju min-naha tas-socjeta' intimata u r-rapprezentant taghha Reuben Bonnici peress li kien hem bosta kontestazzjonijiet u opposizzjoni min-naha tar-rikorrenti (ittri legali hawn annessi u mmarkati bhala faxxiklu 'Dok P2');

4. Illi fil-mertu l-ebda somma m'hi dovuta lill-intimata kif mitlub;

5. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri permissibbli skont il-Ligi.

Rat li r-rkorrenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti illi t-talba ta' Automated Revenue Management Services Limited kid dedotta fl-ittra Ufficjali numru 672/2017 tigi dikjarata nfondata fid-dritt u fil-fatt u michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta'.

Rat ir-risposta tal- Automated Revenue Management Services Limited (C46054) datata 25 ta' April li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok, l-ittra ufficcjali promotorja pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-15 ta' Marzu, 2017 bin-numru 672/17 giet intavolata mis-Socjeta'

Automated Revenue Mangement Services Limited, f'isimha propju u ghan-nom tal-Enemaltaa plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u ghalhekk l-okkju ghandu jigi korrett u cioe' li s-socjeta' esponenti qed tidher propio, et u nomine.

2. Illi t-terminu ta' preskrizzjoni ndikat mir-rikorrenti fl-ewwel eccezzjoni taghha huwa dak kwinkennali.

3. Illi skont ir-records tal-esponenti jirrizulta li l-ahhar hlas fuq il-kont numru 101000103260 sar f'Settembru 2012 kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dar-rikors u ghalhekk tali perjodu rikjest mill-Ligi ghadu ma ghaddiex. It-talba skont l-ittra ufficcjali imsemmija fuq ghalhekk mahijiex preskritta.

4. Illi sfortunatament l-ittra ufficcjali fuq indikata taghmel referenza kemm ghall- ammonti dovuti fuq servizzi tad-dawl u ilma, meta filfatt l-ammont dovut jirreferi biss ghall- sevizz ta' ilma u ghall-penali wkoll konness mas-servizzi ta' l-ilma.

5. Illi dan gara minhabba li bi zvista ma gietx imnehhija mill-abbozz tal-ittra ufficcjali dik il-parti li tirreferi ghall-servizz tad-dawl, zball, *lapsus calami,* li huwa sanabbli, skont il-Ligi billi jigu mhassra dawk il-kelmiet li jaghmlu referenza ghas-servizz ta' l-elettriku u ghalhekk din zgur ma hijiex kwistjoni ta' gurament falz, kif qed jimplika r-rikorrenti.

6. Illi l-ittra ufficcjali msemmija fuq ma tirreferi ghall-ebda prospett, izda taghti dawk id-dettalji mehtiega, skont il-Ligi u ghalhekk ma tista tigi dikjarata nulla, kif donnu qed jitlob ir-rikorrenti. Provi aktar fid-dettal u kull document mehtieg u mitlub sabiex tigi ppruvata t-talba tal-esponenti ser ikunu mressqa wat it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

7. Illi skont il-*proviso* ghall-Art. 466(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tali procedura ma tistax tigi wzata biss jekk d-debitur ikun precedentement ikkontesta t-talba permezz ta' att gudizzjarju jew b'ittra regsitrata, liema kontestazzjoni qatt ma ghamel.

8. Illi ghaldaqstant u b'riserva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Socjeta' esponenti pro et nimine;
   i. titlob li din il-Qorti tordna li jigi korrett l-okkju, kif spjegat fuq u

ii. titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficcjali numru 672/2017 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti u kontra l-kjamati, jekk l-istess jigu ordnati minn din il-Qorti jidhru bhal kjamati f'din il-procedura.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors promotur jattakka l-ittra ufficcjali pprezentata kontra r-rikorrenti ghal ghadd ta' ragunijiet. Kien biss waqt it-trattazzjoni orali wara l-gheluq tal-provi li r-rikorrenti eccepiet in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti jew ahjar l-inapplikabilita' tal-procedura skont l-Artikolu 466 tal-kodici proceduralі stante li, dejjem skont ir-rikorrenti, kwistjonijiet dwar servizz ta' dawl u ilma ghandhom jigu sottomessi ghal arbitragg mandatorju. Illi din hija eccezzjoni dilatorja, u ghalhekk messha giet imqanqla *in limine litis* – fil-bidu, u mhux fl-ahhar tas-smiegh tal-kawza. B'danakollu billi n-nuqqas ta' kompetenza tista' – anzi, aktarx ghandha – titqanqal *ex officio*, billi l-ebda Qorti ma tista' tezercita kompetenza li l-ligi ma taghtihix - il-gurisprudenza l-iktar awtorevoli hi fis-sens li din l-eccezzjoni, ghalkemm dilatorja, tista' titqanqal fi kwalunkwe stadju tal-kawza – ara per ezempju ***Dr. Austin Sammut noe v Silvio Mifsud* (Qorti tal-Appell, 22.06.1994)** kif ukoll ***Sea Services Limited v Paul Auqilina et*** (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12.12.2001). ghalhekk din il-Qorti sejra xorta wahda tikkunsidra din l-eccezzjoni;

Illi fl-ordni logiku-guridiku l-ewwel kwezit li trid titratta din il-Qorti hija proprju l-eccezzjoni tal-kompetenza, ghaliex jekk il-konkluzjoni tkun fin-negattiv, il-kompitu taghha jieqaf hemm: *functus officio*;

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Services Ltd v Joseph Baldacchino u Mary Dolores Baldacchino f'isimhom proprju u in rapprezentanza tas-socjeta kummercjali Charnwoods Limited bin-numru tar-registrazzjoni C3945 (appellanti) -** 16.12.2016 – per l-erudit Onor. Imhallef Anthony Ellul – li fiha incidentalment is-socjeta` intimata f'din il-kawza kienet ukoll appellata – stabbiliet li

"Paragrafu 1.3 tar-raba' skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387) jipprovdi li fost it-tilwimiet li ghandhom jigu determinati f'arbitragg, hemm it-tilwimiet li ghandhom x'jaqsmu mal-provvista tal-elettriku,

kera tal-meter tad-dawl u tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, pero dan "…. bla hsara, fejn dan japplika, ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili……" Ghalhekk f'dawn il-kazijiet il-legislatur introduca l-arbitragg mandatorju. Fil-kaz in ezami m'hemmx kontestazzjoni dwar jekk tapplikax jew le l-procedura kontemplata fl-artikolu 466 tal-Kap. 12:

> "Minkejja li l-Kap. 387 jipprovdi ghall-arbitragg mandatorju, hu evidenti li l-hsieb tal-legislatur kien li tibqa' tapplika l-procedura kontemplata fl- artikolu 466 tal-Kap. 12. It-tezi tal-appellanti hi li m'hemm xejn fil-ligi li tipprojbixxi li l-kontestazzjoni ssir fi proceduri ta' arbitragg. Il-qorti ma taqbilx ma' din it-tezi. Il-procedura kontemplata fl-artikolu 466 sabiex tigi kontestata d-dikjarazzjoni mehmuza mal-ittra ufficjali, hi procedura specjali u bhala tali trid tigi segwita ad litteram. Dik id-disposizzjoni tipprovdi ghal mod kif persuna tikkontesta l-pretensjoni tal-mittent li jkun ghamel skont l-artikolu 466. Kontestazzjoni li trid issir quddiem il-qorti permezz ta' rikors li ghandu jigi pprezentat fi zmien ghoxrin jum, u li fih jitlob lill-qorti sabiex tiddikjara t-talba bhala nfondata (artikolu 466(2) tal-Kap. 12). **Minn paragrafu 1.3 tar-Raba' Skeda jidher car li f'kazijiet fejn japplika l-artikolu 466 tal-Kap. 12, il-procedura ta' arbitragg mandatorju ma tapplikax;"**

Illi b'danakollu, is-suespost japplika biss kemm-il darba l-artikolu 466 precitat huwa applikabbli. Fil-fatt **ma japplikax ghal kull tip ta' kreditu**. Anke l-istess Qorti, fis-sentenza appena kkwotata, qalet li:

> "L-artikolu 466 tal-Kap. 12 hi procedura specjali li tapplika fir-rigward ta' hlas ta' **certi krediti"** (enfazi mizjuda minn din il-Qorti);

Illi din il-Qorti, kif denjament ippreseduta mill-Onorevoli Magistrati Consuelo Scerri Herrera, fi provvediment li tat fis-17 ta' Frar 2016 **Fl-atti tal-ittra ufficcjali numru 1119/13, datata 10 ta' April 2013, mibghuta ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ismijiet: Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi vs ¤Connie Buhagiar u Martin Buhagiar,** ezaminat *funditus* ta' liema xorta huma dawn ic-certi krediti, u b'riferenza ghall-kaz li kellha quddiemha ddecidiet li fost dawn il-krediti ma kienx hemm inkluza talba ghal *indebiti solutio*:

> Jinghad bla tlaqliq li l-uzu tal-Artikolu 466 huwa mezz eccezzjonali applikabbli ghall-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u ohrajn specifikati fl- Artikolu u dan sabiex il-Gvern ta' Malta jkun

jista', permezz ta' din il-procedura eccezzjonali, jigbor il-krediti dovuti lilu billi l-Kap tad-Dipartiment jikkonferma bil-gurament li l-kreditu huwa dovut.

Skond l-Artikolu 466 tal-Kap. 12:

"1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jingħabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull **servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa** ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-reġistratur, imhallef jew maġistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad- debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.....".

"Filwaqt li l-Awtorita' temmen li l-legislatur ipprova jindirizza kull tip ta' kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern, il-ligi mhux hekk tipprovdi ghaliex il- ligi f'dan l-artikolu stess telenka tipi ta' krediti li jistghu jkunu dovuti u wara tikkonkludi bil-kliem "...jew dritt jew taxxa ohra dovuti..." [pero' dan ma jfissirx li qed tinkorpora kwalunkwe tip ta' kreditu li jista' jkun dovut]. Il- kliem "kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti" ma jinkludix rifuzjoni ta' flus gja imhallsa.

"Il-hlas li tippretendi l-Awtorita' intimata hi rifuzjoni tal-flus li thallsu lir- rikorrent u dan peress li qieghed jinghad li r-rikorrenti kisru l-obbligu kuntrattwali taghhom meta naqsu li jipprezentaw prova dwar id-dhul tal- household taghhom. Fil-fehma tal-Qorti l-interpretazzjoni li l-Awtorita' intimata taghti lill-Artikolu 466 tal-Kodici hu wiesgha wisq.

"Il-Qorti tispjega u tghid li bil-kliem "jingabar lura dejn dovut .... dwar kull servizz" il-legislatur kien qieghed jirreferi ghall-hlas, talli persuna tkun inghatat servizz. F'dan ir-rigward is-somma ta' €560 m'hijiex hlas ghal servizz, izda hlas lura ta' flus li l-Awtorita' intimata tat erronjament lir- rikorrent ghar-raguni li qieghda tghid li r-rikorrenti ma mlewx l-applikazzjoni kif imiss.

"Mhux argument li ssir riferenza ghal dik il-parti tal-Artikolu 466

tal-Kap. 12 fejn jinghad: "sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi". Dan ghaliex il-Qorti tosserva li:

(a) L-Artikolu 466 ma japplikax ghal kull (sottolinear ta' din il-Qorti) kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern jew korp kostitwit b'ligi. Kieku dik kienet l- intenzjoni tal-legislatur ma kienx ikun hemm skop ghalfejn jissemmew il- kazijiet fejn dik il-procedura tista' tigi addottata. Il-lista ta' kazijiet fejn tista' tigi addottata l-procedura taht l-Artikolu 466 hi ezawrjenti.

(b) Il-kliem ".. sabiex jigbor kull ammont dovut" gew inseriti fil-provvediment fir-rigward ta' korp li b'ligi jkun awtorizzat li jigbor dejn favur il-Gvern jew korp kostitwit b'ligi. B'daqshekk ma jfissirx li l-Artikolu 466 japplika ghal kull tip ta' kreditu li jista' jippretendi li ghandu l-Gvern jew korp imwaqqaf b'ligi.

Ifisser biss li korp awtorizzat jirkupra dejn favur il-gvern jew korp imwaqqaf b'ligi, ikun jista' fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 jaddotta dak il-provvediment biex jirkupra l-hlas dovut.

Illi apparti li l-Artikolu 466(1) ikopri "**kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti**" japplika ukoll "fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-**provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' *meters* relatati** (Artikolu 466(2)). Issa l-kreditu pretiz fl-ittra ufficcjali mertu ta' din il-procedura jikkonsisti f'"**danni**" u dan fi kliem Paragrafu 39 ta' L.S. 545.03 li jaqra hekk:

"Meta jinstab li jkun sar xi tbaghbis jew hsara fil-komunikazzjoni, jew li persuna tkun qieghda tiehu l-ilma minn xi kanna jew taghmir tal-Korporazzjoni minghajr ma jkun hemm arlogg, il-Korporazzjoni ghanndha titlob lill-konsumatur, sid jew residenti fil-fond, skond il-kaz, ihallasha danni f'ammont ta' mhux inqas minn elf u hames mitt euro (€1,500)."

Illi l-imsemmi Artikolu 466 imkien ma jsemmi l-hlas tad-danni fost it-tipi ta' krediti li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tieghu; ghajr "kumpens ghall-okkupazzjoni" li m'huwiex il-kaz hawnhekk. *Essendo* istitut specjali, din id-disposizzjoni tal-ligi hija wahda li trid tigi soggetta ghal interpretazzjoni strettissima;

Illi din il-Qorti tista' tieqaf hawn. B'danakollu, biex tindirizza l-kwezit

imqanqal mir-rikorrenti, huwa minnu li l-kreditu ta' €1,500 danni minhabba qtugh ta' meter pretiz mill-Automated Revenue Management Services Ltd lanqas jiffigura fost it-tipi ta' krediti msemmijin fl-ittra ufficjali u ghalhekk ankorke d-danni kienu jidhlu fil-parametri tal-Artikolu 466, xorta wahda ma jidhlux f'dawk tal-ittra ufficcjali u ghalhekk fir-rigward taghhom ma hemmx titolu ezekuttiv.

Illi l-uniku parti kopert bil-ligi u bl-ittra ufficjali huwa l-ammont ta' €3.39 kirjiet tal-meter (ara xhieda ta' Reuben Bonnici a fol 43 tal-process). F'dan ir-rigward il-Qorti hi sodisfatta li l-preskrizzjoni giet interrotta, u dan permezz ta' pagament akkont. L-abbli avukati difensuri tar-rikorrenti Yvonne Preca ssottomettew li m'hemmx prova li dan il-hlas sar minnha. Min-naha l-ohra, sewwa ssottemetta l-abbli difensur tal-kontroparti li huwa inverosimili li xi terz li m'ghandux interess mar ghamilha tas-sammaritan it-tajjeb u hallas. Fi kwalunkwe kaz, ghal-ligi huwa irrilevanti min jaghmel il-hlas; l-importanti li l-kreditu jigi rikonoxxut.

Illi ovvjament dan ma jfissirx li l-Awtorita' intimata ma tkunx tista' tharrek lir-rikorrenti sabiex jigu kkundannati jirrifondu l-bqija tal-ammont pretiz bi procedura ohra.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi li tilqa' it-talba rikorrenti limitatament kif sejjer jinghad billi tiddikjara li t-talba maghmula bl-ittra ufficcjali numru 672/17 datata 15 ta' Marzu 2017 mibghuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Yvonne Preca m'ghandhiex tigi esegwita bhala titolu esekuttiv ghaliex hi nfondata ghajr ghall-ammont ta' €3.39. Dwar dan l-ahhar ammont, l-ewwel eccezzjoni, cjoe dik tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, hija respinta.

L-ispejjez a karigu tal-Awtorita' intimata.

Magistrat Dott. Grazio Mercieca